# L-Avventuri ta'

# NAPO



AWTORITA' GHAS-SAHHA U S-SIGURTA'
FUQ IL-POST TAX-XOGHOL

Appoġġjat minn:
Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol

Hello,

Jien Napo. Inti min inti? Taf x'nagħmel jien? Jiena naħdem bħala *handyman*. Taf kemm kont nagħmel affarijiet ħżiena. Naħseb li rajtuni fuq il-video hux? Mhux għax imqareb tafx, iżda għax ħadd m'għallimni x'jistà jiġri jekk nagħmel ta' rasi u ma noqgħodx attent!

U kultant avolja kienu jgħiduli, xorta kont nagħmel li jfettilli - u ġieli kont inweġġa' wkoll. Tiftakar meta rajtni naħraq  saqajja jew intir mit-trakk? Aaaaħħħ. U ma rridx li jiġrilek bħali! Għalhekk iddeċidejt li nagħmel dan il-ktieb żgħir biex inti titgħallem - u mhux hekk biss! Inti tkun tista' tgħallem lill-kbar sabiex ma jweġġgħux jew ankè jmutu.

Mela ejja ara x'avventuri ppreparajtlek f'dan il-ktieb. Inti lest biex tieħu gost? ....



Napo huwa maħluq minn:

HSE Health & Safety Executive · HVBG Hauptverband der gewerblichen Berufsgenossenschaften · INRS · Arbetarskyddsstyrelsen · VIA STORIA PRODUCTION TV


Ara! Ara! Dan post veru *cool* biex nilagħbu fih! Nidħlu?
Iva! Tlaqna!
Imma mhux suppost nidħlu hawn! Ara s-sinjal!
Int dejjem hekk! Qatt ma tkun trid tagħmel xejn. Beżżiegħ!!! Aħna se mmorru!
WOOSH!
Lanqas ballun ma jaf iġib.
Mhux suppost...
Mur ġibu! Ejja naraw jekk intx kapaċi!
Le mhux se mmur!
AAAGH!
Aħjar ngħidu lil xi ħadd!
Issa x'se nagħmlu? Kif se ntellgħuh minn hemm?
Tiftakru meta ġie Napo, qalilna biex inċemplu 112 jekk jiġri xi ħaġa? Ejja mmorru nċemplu!!
112
AMBULANZA
Illum ġietek tajba. Stajt spiċċajt ħafna agħar. Tgħallimt xi ħaġa għall-inqas?
Iva, Mario kellu raġun. M'għandniex nilagħbu f'postijiet li qed jinbnew!
U obdu dejjem is-sinjali!



1. Periklu
2. Minn fejn toħroġ f'każ ta' emerġenza
3. X'għandek tilbes jew tagħmel
4. X'mgħandekx tagħmel
5. Sinjali f'każ ta' ħruq



***Meta tmur xi mkien, jistà jkun li tara xi sinjali sabiex ma nweġġgħux. Per eżempju, tistà tara sinjal li jurik li ma tistax tidħol f'dak il-post, jew li l-art imxarrba u tistà tiżloq. Qabbel is-sinjali ħalli tfakkarni xi jfissru.***



_ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _



_ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _

tossiku, tidħolx, ilbes l-elmu, tixrobx, ilbes *safety boots*, ħruġ ta' emerġenza, *fire extinguisher*, jista' jaqbad.




**IL-KELMA MOĦBIJA HIJA:**





Agħmel kopja ta' dawn il-pedini u ż-żugraga, waħħalhom fuq kartonċina u qasqashom bil-galbu. Agħtihom il-kulur.

Poġġi *straw* fin-nofs taż-żugraga sabiex tibda tilgħab. Tista' tuża dada minflok.

Ibda min-numru wieħed u mexxi skond in-numru taż-żugraga jew dada. Min jirnexxielu jasal sal-100 l-ewwel, jirbaħ.

Ħu gost u tgħallem!




Jiena qed nara ħafna periklu. Immarka l-periklu b'ċirku aħmar.

***Sabiex issib l-ittri li jispellu l-kliem sigrieti, trid taħdem is-somom tajjeb u tqabbel in-numri ma' dawk li jidhru fil-kelma. Meta taħdimhom kollha, se ssib sentenza importanti ħafna. Ftakarha dejjem!***

___ ___ ___ ___ ___ ___ ___      ___ ___ ___ ___ ___ ___

**94 64 16 64 25 20 12      20 87 18 18 87 9**

___ ___ ___ ___ ___ ___ ___      ___ ___ ___ ___ ___

**4 11 11 87 94 11 96      74 4 13 7 21**

___ ___      ___ ___ ___ ___ ___ ___ ___ ___ **!**

**9 4      94 15 87 5 5 25 12 21**

| | |
|---|---|
| 96 ÷ 24 = ____ = A | $5^3$ = ____ = P |
| 135 ÷ 27 = ____ = Ġ | 84 ÷ 12 = ____ = IE |
| 164 - 146 = ____ = J | 6 x 5 = ____ = R |
| 1725 ÷ 15 = ____ = Ċ | 67 – 55 = ____ = U |
| $3^3$ = ____ = K | 297 ÷ 33 = ____ = M |
| 429 ÷ 33 = ____ = B | 1024 ÷ 64 = ____ = Q |
| 894 – 869 = ____ = GĦ | 489 - 468 = ____ = X |
| 521 - 427 = ____ = N | $4^3$ = ____ = O |
| 171 – 84 = ____ = E | 2175 ÷ 145 = ____ = W |
| $6^3$ = ____ = L | $9^3$ = ____ = V |
| 979 ÷ 89 = ____ = T | |
| 77 + 19 = ____ = I | |
| 37 x 2 = ____ = S | |
| 1000 ÷ 50 = ____ = D | |





# Agħti l-kulur lil Napo

**Tweġibiet:**

paġna 4a: 2, 1, 4, 5, 3

paġna 4b: Ilbes l-elmu, ħruġ f'każ ta' emerġenza, tossiku, tixrobx, tidħolx, *fire extinguisher*, ilbes *safety boots*, jista' jaqbad

paġna 5: żarbun, elmu, kantun, konkos, periklu, krejn, pajp, gaffa.

Il-kelma moħbija hija: **bennejja**

paġna 10: Noqogħdu dejjem attenti sabiex ma nweġġgħux





# Qatt Smajtuha Din?

*Fis-siegħa twieled dudu,*
*Fis-sagħtejn beda jitwal,*
*Fit-tlieta kellu l-mara,*
*U fl-erbgħa kellu t-tfal.*

*Fil-ħamsa ħareġ jaħdem,*
*Għax it-tfal kienu bil-ġuħ,*
*Ried xogħol ta' mastrudaxxa,*
*U mar jaħdem ma' nannuh.*

*Dan qabbdu jagħmel mejda,*
*Qallu "Ix-xogħol irid isir,*
*Il-lejla qabel għada,*
*Qis li tħaffef", tah parir.*

*Tah l-għodda ħalli jibda,*
*Tah martell, ċana u serrieq,*
*Imsiemer u ftit kolla,*
*Injam fin, żgur m'hemmx tlaqlieq.*

*Id-dudu beda jgħaġġel,*
*Għax ix-xogħol ried ilestih,*
*F'ħin minnhom laqat sebgħu,*
*Aħħ! Trid tara kemm uġiegħ!*

*Ittanta jkompli xogħlu,*
*Sebgħu kiber, rah jiħmar,*
*"Il-mniegħel issa x'ġara,*
*Ma' kulħadd noħroġ ta' ħmar!"*

*Il-mejda kważi lesta,*
*U mingħajr ma kien jaf kif,*
*Sieq waħda ġiet żlugata,*
*Ħeqq ix-xogħol mhux tant ħafif!*

*Sas-sitta kien lestieha,*
*Mejda għamel bit-tbażwir,*
*Fil-pront tgerbeb fi njama,*
*Qatgħa ħa, sar lewn il-ġir.*

*Bil-waqgħa kiser idu,*
*Beda jgħajjat għall-ajjut,*
*Is-sebgħa kienu daqqu,*
*X'kien se jagħmel, la korrut?*

*Fit-tmienja mar jiddewwa,*
*Ġibs għamlulu ma' jdejh,*
*Qabditu ferneżija,*
*X'ħin lin-nannu ra hemm ħdejh!*

*In-nannu wkoll inħasad,*
*"Hemm xi ġralek, kif korrejt,*
*Mhux dejjem insistejtlek,*
*Saħħtek l-ewwel! Jew insejt"?*

*"Mort il-post ħa nara x'ġara,*
*Geġwiġija sibt ma' l-art,*
*Injam ma' kull fejn tara,*
*Xejn m'hu f'postu, xejn ordnat."*

*"Jien rajt ukoll l-għamara,*
*Ma ġietx tajba, ġiet ħażin,*
*Saqajha ġew tant qosra,*
*Xejn m'hi sewwa x'waħda din!"*

*"Din ħudha ta' lezzjoni,*
*Fejn ma tafx staqsi parir,*
*Ix-xogħol għamlu bil-galbu,*
*Jekk trid tlesti bil-ftaħir!"*



AWTORITA' GHAS-SAHHA U S-SIGURTA'
FUQ IL-POST TAX-XOGHOL

17 Triq Edgar Ferrò, Pietà MSD 07
Tel: 21 247 677/8 Fax: 21 232 909
email: ohsa.communications@gov.mt